MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' April, 2015

Numru. 702/2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anthony Cassar)**

**vs**

**ALLAN GRIMA**

**(ID: 115783M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ALLAN GRIMA** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 115783(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli minn Misrah Santa Margerita, Bormla, fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Hadd li ghadda, 16 u 17 t'Awissu 2003, ghal habta ta' xi s-saghtejn u nofs ta' filghodu:

1. Ikkommetta sgass u serq ta' zewg speakers *ten inch*, ta' l-ghamla Pioneer mill-vettura ta' l-ghamla Escort Mk I ta' lewn blu, bin-numru tar-registrazzjoni LAN-082, ghad-dannu tas-sid taghha Kevin Cutajar minn Bormla, li l-ammont taghhom huwa ta' madwar tmenin lira Maltin, u liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, valur, kif ukoll bil-hin;

2. Ikkommetta sgass u serq ta' *Ryobi driller* ta' lewn blu, li n-numru tar-registrazzjoni tieghu mhuwiex maghruf u li l-ammont tieghu huwa ta' madwar tmenin lira Maltin, kif ukoll *Ryobi chaser* ta' lewn blu ukoll, li n-numru tar-registrazzjoni tieghu mhuwiex maghruf, u li l-ammont tieghu huwa ta' madwar mija u hmistax-il lira Maltin, mill-vettura ta' l-ghamla Ford Transit Van, ta' lewn abjad, bin-numru tar-registrazzjoni MDG-006, ghad-dannu tas-sid tieghu Ramon Grech minn Bormla wkoll, liema serq huwa wkoll ikkwalifikat bil-mezz, valur, kif ukoll bil-hin;

3. Xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

4. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, meta ghamel hsara fl-imsemmija Escort Mk I bin-numru tar-registrazzjoni LAN-082 u fil-Ford Transit Van MDG-006 ghad-dannu tas-sidien taghhom Kevin Cutajar u Ramon Grech, rispettivament, it-tnejn minn Bormla;

5. U aktar talli f'dawn l-ahhar sitt xhur, f'Bormla, Rinella u diversi postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, saq vettura ta' l-ghamla Opel Corsa, ta' lewn abjad, bin-numru tar-registrazzjoni LAA-289, minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

6. U aktar talli f'dawn l-ahhar sitt xhur, fl-istess zminijiet, f'dawn il-Gzejjer, saq l-istess vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAA-289, minghajr polza tas-sigurta' jew garanzija ghal riskju ta' terzi persuni;
7. Talli sar ricediv ghall-finijiet ta' l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, wara li gie kkundannat precedentement ghal serq b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux aktar jigu mibdula.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'kaz ta' htija, l-imsemmi Allan Grima, minbarra l-piena moghtija, jigi skwalifikat milli jkollu, jew milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar, minn mindu hekk jigi misjub hati.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom fedina penali tal-imputat a fol 7 et seq, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol 9 u kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Awwissu 2003 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja a fol 10.

Rat ix-xhieda **tal-Ispettur Anthony Cassar** tal-20 ta’ Awwissu 2003 fejn qara u halef l-akkuzi fil-konfront tal-imputat.

Rat ix-xhieda tal-**Ispettur Anthony Cassar** tat-3 ta’ Novembru 2003 fejn iddikjara li fis-17 ta’ Awwissu 2003 ghal habta tal-hdax ta’ filghodu (11:00hrs), il-Pulizija tad-distrett ta’ Bormla gew infurmati minn certu Ramon Grech minn Bormla ghan-nom ta’ missieru Vincenzo Grech minn Bormla wkoll li kien ghadu kif sab il-vann tieghu Ford Transit ta’ lewn abjad bin-numru tar-registrazzjoni MDG-006 sgassat. Huwa rrapporta li kien halla l-vann ipparkjat u msakkar fi Pjazza Santa Margerita, Bormla fil-15 ta’ Awwissu ghal habta tat-tmienja ta’ filghaxija (21.00hrs).

Minn indagini preliminari tal-Pulizija rrizulta li l-malvivent jew malviventi kienu kissru l-*quarter window* tan-naha tax-xufier u fil-vann huma hadu *chain saw* tal-ghamla Ryobi ta’ lewn blu li jiswa mija u hmistax-il lira Maltin (Lm 115) kif ukoll driller tal-marka Ryobi ta’ lewn blu li jiswa tmenin lira Maltin (Lm 80). Grech qal li ma kien qed jissuspetta f’hadd u rrizulta li huwa kien irranga l-vettura tieghu u cioe’ ghamel bicca perspect mal-*quarter window* tieghu qabel ma’ mar jaghmel ir-rapport l-ghassa tal-pulizija.

L-Ispettur spjega li Kevin Cutajar li huwa wkoll minn Bormla, ghamel rapport fl-ghassa tal-pulizija tad-distrett ta’ Bormla illi fl-istess data u cioe’ fis-17 ta’ Awwissu ghal habta tas-saghtejn u nofs ta’ filghodu (02.30hrs) kien ghadu kif sab il-vettura tieghu tal-ghamla Escort mark 1

ta’ lewn blu bin-numru tar-registrazzjoni LAN 082 sgassata u zewg *speakers* tal-ghamla Pioneer 10 inch nieqsa minnu li t-tnejn li huma kellhom valur ta’ tmenin lira Maltin (Lm 80). Cutajar irrapporta li kien halla l-karozza msakkra fi Triq Santa Margerita, Bormla xi ftit tal-hin qabel u meta mar lura ghaliha sabha bil-*quarter window* taghha sgassata. Id-derubat spjega lill-pulizija li min ghamel dan ir-reat ma kissirx il-*quarter window* taghha izda nehha l-*quarter window* bil-galbu sabiex ma jkissirhiex.

Kevin Cutajar qalilhom ukoll illi fil-perjodu ta’ hin li huwa sab il-vettura tieghu sgassata u fil-hin li mar jaghmel ir-rapport l-ghassa tal-pulizija huwa kien osserva Mini Minor bajda ta’ certu Amadeo Pace bin-numru tar-registrazzjoni DAL 693 fuq il-post kif ukoll ftit boghod minnha Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni LAA 289 ta’ certu Allan Grima, it-tnejn minn Bormla li kienu pparkjati fil-post imsemmi. Dawn iz-zewg karozzi kienu pparkjati certu distanza boghod minn xulxin f’Misrah Santa Margerita, Bormla jew fil-post maghruf ahjar bhala x-Xghira ta’ Bormla u kien jiftakar ukoll li l-vettura ta’ Pace kienet qieghda mbexxqa pero’ ma kien hemm hadd go fiha. Cutajar kompla jispjegalhom li l-Opel Corsa filfatt ma kienetx registrata fuq isem l-imputat Allan Grima izda fuq il-partner tieghu Carmen Grech. Dan qal li kien ha n-numru ta’ din il-vettura fid-*diary* tieghu biex ma jinsiehx. Filfatt Allan Grima kien habib tieghu u kien jafu sewwa hafna tant li kien qed jissuspetta fih li kien ikkommetta s-serq mill-vettura ta’ Cutajar. Qalilhom ukoll li ghal habta tat-tlieta ta’ filghodu (03:00hrs) huwa kien osserva l-vettura ta’ Allan ipparkjata fil-post imsemmi pero’ fil-vettura ma kien hemm hadd. Din il-vettura kienet ipparkjata taht il-mina ta’ Bormla pero’ qal ukoll li meta’ Allan induna bih dan dahal jigri fil-karozza tieghu u telaq jigri fid-

direzzjoni tal-Hawli, Bormla. Ghalkemm kien id-dlam huwa seta' jaghraf lil Allan sewwa kif ukoll il-karozza li kien qed isuq. X'hin Allan telaq bil-karozza tieghu, Kevin Cutajar saq warajh bil-karozza tieghu izda Allan induna bih u zied fl-ispeed tal-karozza tieghu sabiex ma jilhqux. Cutajar qalilhom ukoll li ghal habta tal-hamsa ta' filghodu (05:00hrs) huwa mar sabiex ifittex lil Allan xi mkien f'Bormla sabiex ikellmu dwar dawn l-*ispeakers* pero' l-vettura ta' Allan kienet ipparkjata fil-post maghruf bhala Santa Liena fejn huwa bhalissa qed joqghod mal-partner tieghu.

L-Ispettur tenna li fid-dawl tar-rapport ta' Kevin Cutajar gie arrestat Amadeo Pace minn Bormla u ttiehed l-ghassa ta' Haz-Zabbar ghal aktar investigazzjonijiet. Fil-frattemp sar maghruf li dan Amadeo Pace kien ukoll ghamel rapport l-ghassa ta' Bormla fis-17 ta' Awissu li kien halla l-karozza tieghu bin-numru tar-registrazzjoni DAL 683 pparkjata fi Pjazza Santa Margerita, Bormla u meta mar lura ghaliha dan ma sabiex. Wara li nghata twissija fil-presenza tal-kuntistabbli 159 Degiorgio, Pace ghazel li jaghmel stqarrija ta' tliet faccati li huwa ffirma wkoll wara li gie nterrogat fit-tul. Pace qal li fil-prezent ma kienx qed jahdem u kien joqghod fi Triq San Lazzru, Cospicua wara li kien halla l-familja tieghu. Hu qal diversi affarijiet ohra fl-istqarrija tieghu pero' dawn l-affarijiet l-ohra ghandhom x'jaqsmu ma' kaz iehor li qieghed jinstema quddiem Qorti diversament preseduta.

Meta' l-Ispettur staqsa lil Pace fuq dan ir-rapport li kien ghamel l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla u cioe' li kien sab il-karozza tieghu nieqsa, huwa ammetta li dan kien rapport falz. Huwa nsista li kien ghamel dan ir-rapport lill-pulizija sabiex il-pulizija ma tissuspettax fih f'reat iehor. Hawn

l-Ispettur insista mieghu biex jghidlu x'kien dan ir-reat u filfatt wiegbu li dan ir-reat kellu x'jaqsam ma' dak li sar fil-lejl ta' bejn is-sibt 16 u l-Hadd 17 ta' Awwissu ghal habta ta' nofs il-lejl meta huwa dak il-hin kien mar sa Misrah Santa Margerita, Bormla wahda u hemm iltaqa' mal-hbieb tieghu Noel u Graziella flimkien mal-kugina tieghu Gesanne. Dawn qaghdu jitkellmu sas-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs) meta f'dak il-hin, Allan Grima l-imputat minn Bormla wkoll gie fuq il-post u talab lil Amadeo sabiex jaghtih turnavit sabiex jirranga l-mera tal-karozza tieghu. Amadeo ma kellux turnavit fuqu dak il-hin u lanqas fil-karozza tieghu u ghalhekk mar fid-dar tieghu li tinsab ftit passi boghod mill-post in kwistjoni u gablu turnavit ta' lewn ahmar u griz ta' madwar sitt pulzieri tul u tah lil Allan.

Amadeo Pace qal li Allan Grima ma marx jirranga l-mera tal-karozza izda mar fejn vann Transit li kien ipparkjat ftit boghod u dan qala' l-**quarter window** tal-vettura tan-naha tax-xufier. Amadeo tenna li Allan kien qallu biex ma jparla xejn u meta ra x'kien se jsir Amadeo qabad u telaq minn fuq il-post sabiex ma jigix fl-inkwiet. X'hin Allan kien qed jipprova jisgassa l-Ford Transit, giet vettura. Amadeo Pace qal li din id-darba Allan flok mar fil-Ford Transit, rega' mar f'vettura ohra u cioe' Ford Escort u minn hemmhekk huwa hareg b'zewg *speakers* minn din il-vettura. Meta' l-Ispettur staqsieh x'kien gara mill-vann Transit, Amadeo Pace wiegbu li Allan ha l-i*speakers* mill-Escort u rega' dahal got-Transit. Pero' ma jafx x'ha mit-Transit ghax kien lahaq telaq minn hemm. Madankollu meta' Amadeo Pace kien qieghed l-ghassa ta' Bormla l-ghada filghodu biex jaghmel rapport li kienu serqu l-karozza tieghu, huwa sema' lil sid il-vann Transit jghid x'kien sab nieqes mill-vann tieghu.

L-Ispettur kien staqsa lil Amadeo Pace jekk huwa qattx osserva lil Allan Grima jsuq din l-Opel Corsa, u huwa wiegbu li l-vettura Opel Corsa ma kinitx ta' Allan imma kienet tal-partner tieghu Carmen Grech u rah isuqha ghal diversi drabi kemm Bormla kif ukoll fl-area ta' Rinella. Amadeo Pace qal ukoll li l-habib tieghu Noel li kien mieghu dakinhar f'Misrah Santa Margerita flimkien mat-tfajliet Graziella u Jesoanne telqu minn fuq il-post meta raw lil Allan Grima se jisraq minn dawn il-vetturi.

L-Ispettur spjega li Noel Muscat gie msejjah l-Ghassa ta' Haz-Zabbar fejn gie mitkellem ukoll fuq dan il-kaz. Huwa qalilhom li lil Allan Grima rah kemm-il darba l-Kalkara meta kien imur jghum hemmhekk pero' huwa qatt ma kellmu. Qalilhom li lil Grima rah kemm-il darba fl-inhawi tar-Rinella u l-Kalkara sew jekk kien miexi, jew jghum jew isuq il-karozza. Meta' l-Ispettur staqsieh x'gara fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Awwissu, Noel Muscat wiegeb li huwa kien qed jaghmel mixja ghax ma setghax jorqod bil-lejl minhabba s-shana li kien hemm hdejn l-iskola tal-Gvern ta' Bormla u Amadeo Pace ltaqa' mieghu u qallu sabiex joqghodu jitkellmu flimkien hdejn il-bandli ta' Bormla. Qal ukoll li wara siegha u nofs jew saghtejn ra lil Allan Grima jsuq fid-direzzjoni ta' fejn kienu huma u pparkja ftit boghod minnhom. Wara Allan Grima kien talab lil Amadeo Pace sabiex jaghtih turnavit u Amadeo Pace halla l-post ghal madwar zewg minuti u wara rritorna b'turnavit f'idu liema turnavit tah lil Alan Grima. Noel kompla jispjega li mbaghad huwa ra lil Allan Grima miexi fid-direzzjoni ta' vann Transit li kien ipparkjat fil-genb tat-triq bit-turnavit f'idu u peress li huwa nduna x'kien se jaghmel Allan Grima, huwa halla l-post immedjatament.

Wara l-Pulizija kellmet lil Carmen Grech li hija l-partner ta’ Allan Grima u wara li nghatat s-solita twissija hija spjegat li kienet qed tghix ma’ Grima ghal dawn l-ahhar sbatax-il xahar. Meta’ l-Ispettur talabha tghid lill-Pulizija s-sekwenza ta’ dak li gara fil-jum tas-16 ta’ Awwissu, hija qalet li Allan Grima kien mar l-ghassa ta’ Bormla sabiex jiffirma fit-tmienja ta’ filghodu (08:00hrs) u ghal habta tal-hdax (11:00hrs) huwa mar ma’ certu Gharbi li jahdem mieghu fix-xoghol tal-kostruzzjoni biex jaghmlu xi qadjiet il-Birgu u damu hemmhekk sa xi s-siegha (13:00hrs). Hija spjegat li ghal habta tas-saghtejn neqsin kwart (13:45hrs) kielu flimkien, raw it-television u wara ghal habta tas-sebgha (19:00hrs) Allan Grima rega’ mar jiffirma l-Ghassa ta’ Bormla minhabba li dan jiffirma l-ghassa darbtejn kuljum. Wara huma kienu marru f’kazin ta’ partit politiku l-Kalkara sabiex jiehdu drink u wara marru f’bar Bormla u f’bar il-Fgura fejn wara rritornaw id-dar ghal habta ta’ nofs il-lejl neqsin ghoxrin (23:40hrs). Hija ddikjarat li Allan Grima kien ha diversi *drinks* matul dak il-lejl u ghaldaqstant peress li huwa kien ghajjien hafna huwa raqad immedjatament. Hija nsistiet li tul dak il-lejl huwa kien il-hin kollu hdejha minhabba li hi tqum bil-lejl il-hin kollu biex tpejjep xi sigarett u tiehu kafe u ghaldaqstant kull hin li qamet ratu rieqed. Hija cahdet kategorikament li dak il-lejl huwa hareg barra u anke saq il-vettura taghha pero’ ammettiet li Allan kien qed isuq il-vettura taghha regolarment f’dawk l-ahhar tnax-il xahar, anke darbtejn kuljum sabiex imur jiffirma l-ghassa tal-pulizija ta’ Bormla meta hija kienet taf li huwa la kellu licenzja biex isuq u lanqas kellu polza tal-assikurazzjoni.

L-Ispettur spjega li sussegwentement Allan Grima gie arrestat mill-Pulizija fejn wara li nghata s-solita twissija fil-prezenza tal-kuntistabbli 1051 Ryan Cremona huwa ghazel li jaghmel stqarrija ta’ tliet faccati li huwa ghogbu li jiffirma. L-istqarrija ta’ Allan Grima giet esebita mill-Ispettur u mmarkata

bhala Dokument AC 1. Wara li giet mehuda l-istqarrija, il-pulizija dehrilha li kien hemm bizzejjed provi sabiex Allan Grima jitressaq il-Qorti b'arrest.

**PS 132 John Debattista** xehed fit-3 ta' Novembru 2003 fejn esebixxa kopja tal-okkorrenza dwar rapport maghmul minn Ramon Grech f'isem missieru Vincenzo Grech datat 17 ta' Awwissu 2003 dwar rapport li sehh fil-15 ta' Awissu 2003. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument AC 2.

**PS 76 Carmel Cassar** xehed fit-3 ta' Novembru 2003 fejn esebixxa kopja tal-okkorrenza rigwardanti ncident li sehh nhar is-16 ta' Awissu 2003 liema rapport huwa datat 17 ta' Awissu 2003 liema okkorrenza qieghda tigi mmarkata mill-Qorti bhala Dokument AC 3.

**Ramon Grech** xehed fit-3 ta' Novembru 2003 fejn iddikjara li fis-17 ta' Awissu 2003 ghal habta tal-hdax ta' filghodu (11:00hrs) huwa mar l-ghassa tal-Pulizija ta' Bormla u ghamel rapport. Huwa spjega li waqt li kien ghaddej bir-rota nnota li kien hemm *chain saw* taht il-vann tax-xoghol. Dan il-vann huwa Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni MDG-006. Huwa spjega li c-*chain saw* huwa tax-xoghol kif ukoll il-vann. Ix-xhud sab li l-bieba ta' wara tal-vann kienet imbexxqa, fetah il-bieba u ra s-*seat* imdawwar il-quddiem. Huwa qabad il-mutur tal-katina u tefghu gewwa, mar id-dar, biddel u mar ghamel rapport l-ghassa. Filfatt huwa mar l-ghassa bil-vann stess. Dan il-vann juzah kemm hu kif ukoll missieru li huwa Vincenzo Grech. Huwa qal li kien hemm id-driller u c-chain saw neqsin u l-valur taghhom huwa ta' mija u disghin lira Maltin (Lm 190) kumplessivament.

**Kevin Cutajar** xehed fit-3 ta' Novembru 2003 fejn iddikjara li fis-17 ta' Awwissu 2003 ghal habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30hrs) huwa mar jaghmel rapport l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla. Huwa jiftakar li l-karozza tieghu kienet ipparkjata gewwa Bonnici Square, Cospicua. Il-vettura tieghu ggib numru tar-registrazzjoni LAN-082. Huwa spjega li sar sgass fil-karozza tieghu u sab nieqes zewg *pioneer speakers* li l-valur taghhom jammonta ghal sebghin lira Maltin (Lm 70). Waqt li huwa mar fi Pjazza Santa Margerita, Bormla nnota li kien hemm Mini Minor li ma kien hemm hadd hdejha bin-numru tar-registrazzjoni DAL-693. Huwa nnota li din il-karozza telqet tigri minnufih kif ukoll Vauxhall abjad. Ix-xhud gera warajh izda ma seta' jilhqu b'xejn. Huwa dejjem jara lil Allan Grima jsuq din il-Vauxhall. Huwa spjega li l-Vauxhall u l-Corsa huma kwazi l-istess. Ix-xhud ipprometta li fis-seduta li jmiss igib il-ktieb fejn huwa ha n-notamenti dwar dan.

**Kevin Cutajar** kompla jixhed fid-9 ta' Frar, 2004 fejn spjega li l-vettura li huwa kien ra lil Allan Grima jitlaq biha, hija qisha Opel bin-numru LAA-289 u kkonferma din ix-xhieda tieghu. Il-vettura hija bajda. Huwa spjega li l-Mini Minor li kien semma fix-xhieda tieghu kienet dejjem wieqfa. Huwa li ra titlaq kienet il-Vauxhall. Filfatt ra lil Allan Grima jidhol fiha, startja u telaq jigri. Huwa sostna li din il-vettura mhux Vauxhall kienet izda kienet Opel Corsa. Meta telaq jigri biha huwa mar fid-direzzjoni tal-Hawli. Ix-xhud iddikjara li huwa saq warajh izda ma lahqux. Huwa mar Rinella fejn kien joqghod l-imputat pero' tilfu.

**PC 1051 Brian Joseph Cremona** xehed fid-9 ta' Frar 2004 fejn ra l-istqarrija esebita fl-atti mehuda mill-imputat li gharaf prezenti fl-awla bhala Allan Grima, liema stqarrija tinsab inserita a fol 27 tal-process u mmarkata bhala

Dokument AC 1. Huwa kkonferma li hemm il-firma tieghu, tal-Ispettur Anthony Cassar u tal-imputat. Qabel ma giet rilaxxata din l-istqarrija l-imputat inghata s-solita twissija.

**Noel Muscat** xehed fid-9 ta’ Frar, 2004 fejn iddikjara li fis-16 ta’ Awwissu, 2003 ommu kienet l-isptar ghax kien se jkollha tarbija. Huwa ma setax jorqod ghax kien hemm hafna shana d-dar u hareg barra u ltaqa’ ma’ Amadeo Pace u talbu biex imur mieghu sal-bandli. Huwa mar hemmhekk u wara ftit giet ukoll il-kugina ta’ Allan Grima. Ix-xhud beda jitkellem maghha u gie Allan Grima li gharaf bhala l-imputat odjern. Huwa jaf li Allan u Deo tkellmu bejniethom pero’ ma jafx x’qalu bejniethom. Huwa ma jafx x’hin kien pero’ jaf li kien bil-lejl. Ix-xhud jaf li meta huma bdew jitkellmu bejniethom kienu mbeghdin minnu u wara Deo telaq minn fuq il-post. Pero’ ma jafx fejn mar u xi hin wara rega’ gie u kellu xi oggetti f’idejh bhal turnavit. Ix-xhud jaf li Allan xi hin resaq lejn il-vann l-abjad u huwa telaq l’hemm. Jekk mhux sejjer zbaljat ix-xhud, Amadeo ta t-turnavit lil Allan u Allan mar lejn dan it-Transit bit-turnavit f’idu. Wara huwa telaq lil hemm.

**Carmen Grech** xehdet fid-9 ta’ Frar 2004 fejn iddikjarat li ilha taf lill-imputat u dan peress li ghamel xi zmien jghix maghha. Hija spjegat li fis-16 ta’ Awissu kienu qamu, l-imputat mar jiffirma l-ghassa, wara gie d-dar u fil-hdax ta’ filghodu cempillu siehbu sabiex jiehdu xi tavluni l-Birgu peress li kien jahdem mieghu. Ghal habta tas-saghtejn (14:00hrs) ta’ dak l-istess jum gie lura, qaghad id-dar jitkellem mat-tfal taghha, u rega’ mar jiffirma fis-sebgha ta’ filghaxija (19:00hrs). Wara gie, hargu flimkien u dahlu d-dar fil-hdax u nofs (23:30hrs). Hija marret torqod u taf li Allan kien id-dar. Ix-

xhud ma tahsibx li Allan Grima hareg mid-dar bil-lejl ghax kieku kienet tisimghu. Filfatt stqarret illi meta qamet taghmel kafe’ sabitu d-dar rieqed.

Ix-xhud iddikjarat li ghandha vettura registrata f’isimha bin-numru LAA 289 Opel Corsa. Hija ssuqha bhala regola pero’ gieli taghtha lil Allan. Ix-xhud stqarret illi taghtielu xi darbtejn fil-perjodu li l-imputat dam jghix maghha. L-imputat dam maghha sena u hames xhur. L-imputat gieli hadha l-karozza minghajr il-permess taghha. Mistoqsija jekk bejn is-16 u s-17 ta’ Awwissu l-imputat harigx bil-karozza taghha bil-lejl wiegbet li ma tafx.

**Brian Farrugia** xehed fid-9 ta’ Novembru 2010 fejn iddikjara li huwa kien gie mitlub sabiex jixhed ghan-nom tad-Direttur ta’ Transport Malta rigward il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAA 289 tal-ghamla Opel Nova. Huwa spjega li din ilha registrata fuq Maria Carmen Grech sa minn l-24 ta’ Mejju 1996. Din il-vettura giet skrappjata skond ir-*records* tal-Awtorita’ fit-3 ta’ Ottubru 2005.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2010 il-Prosekuzzjoni esebiet hdax-il sentenza li gew immarkati bhala Dokument AC1 sa Dokument AC11.

Semghet lill-imputat jiddikjara waqt is-seduta tas-26 ta’ Awwissu 2014 illli huwa l-istess imputat fis-sentenzi esebiti a fol 89, 97, 107, 109, 111, 117, 122 u 126 tal-Process.

**Allan Grima** xehed fid-19 ta' Jannar 2015 fejn inqratlu l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja li tinsab esebita fl-atti a fol 27 immarkata bhala Dokument AC1. Huwa jiftakar li kien irrilaxxa stqarrija u jiftakar ukoll li huwa kien iffirma din l-istess stqarrija u filfatt ikkonferma din l-istqarrija kollha wara li giet moqrija lilu seduta stante. Sa fejn jaf l-imputat f'dawn il-proceduri l-persuna li ghamlet dawn l-akkuzi fil-konfront tieghu ma telghetx tixhed il-Qorti u llum-il gurnata hija mejta u qal li l-persuna li hija mejta hija Amadeo Pace. Mistoqsi kif sar jaf li kien dan Amadeo Pace li ghamel l-akkuzi fil-konfront tieghu qal li jista' jkun li qallu l-Ispettur, pero' llum-il gurnata nesa.

L-imputat iddikjara li jaf fejn saret is-serqa ghaliex kien l-Ispettur li qallu b'dan u rega' kkonferma ghal darb'ohra li dakinhar huwa ma marx f'dan il-post. Huwa semma lil Amadeo Pace mhux ghax kien mieghu fuq il-post izda ghaliex kien l-Ufficjal Prosekutur stess li semmiegh li ghamel dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu. Huwa cahad illi kien mieghu dakinhar ma' Amadeo Pace u mhux veru lanqas li huwa kien isuq il-vettura tal-*partner* tieghu. L-imputat ma jidhirlux lanqas li Carmen Grech qalet li huwa kien isuq il-karozza taghha. L-imputat tenna li hija gieli thalli l-karozza pparkjata hdejhom fin-nofs u huwa jcaqlaqielha. Pero' ma jidhirlux li qatt ha l-karozza taghha bla permess taghha.

Mistoqsi jekk hux minnu li l-vettura tieghu kienet hdejn il-post tas-serqa dakinhar wiegeb li ma jidhirlux, dakinhar huwa kien rieqed. Sa fejn jaf hu l-vettura tal-*partner* tieghu ma kinitx fejn kien hemm is-serqa. L-ghada filghodu huwa sabha pparkjatha fejn halliha hu quddiem id-dar taghhom. Mhux veru li huwa gieli mar jiffirma l-Ghassa ta' Bormla bil-vettura. Huwa

veru pero' li Kevin Cutajar xehed il-Qorti u qal li rah fuq il-post anzi qal illi mhux li ra lilu, izda qal li ra l-karozza taghhom. Huwa qal li raha Bormla u jista' jkun li qal li ra fuq il-post tas-serqa u li qal li rah diehel jigri fil-karozza u jitlaq minn fuq il-post, pero' mhux vera li kien hekk u li gera wara l-imputat.

Huwa qal illi jista' jkun illi Kevin Cutajar xehed li rah fuq il-post u jitlaq bil-karozza pero' ddikjara li dan mhux veru. Huwa cahad li telaq minn fuq il-post bil-vettura in kwistjoni. Lanqas ma hu veru li huwa talab lil Amadeo Pace jaghtih turnavit. L-imputat lilu ma kienx ikellmu. Huwa kien rieqed u ma kellu bzonn l-ebda turnavit. Huwa ma jiftakarx li Noel Muscat xehed il-Qorti u qal li ra lill-imputat bit-turnavit f'idejh u lanqas jaf min hu Noel Muscat. Mhux minnu li l-imputat hareg mid-dar fil-hdax u kwart ta' bil-lejl (23:15hrs) anzi sostna li dahal id-dar fil-hdax (23:00hrs) jew il-hdax u kwart ta' bil-lejl (23:15hrs). Huwa ma jidhirlux li Carmen qalet li huwa hareg mid-dar fil-hdax u kwart ta' bil-lejl (23:15hrs). Ikkonferma li huwa diga' nstab hati ta' diversi serqiet. L-imputat ma jiftakarx li Carmen Grech qalet li kienet sellfitu l-karozza taghha iktar minn darba. Huwa jaf pero' li Carmen Grech kellha Opel ta' kulur abjad, Opel Corsa u hemm simili taghha Vauxhall tal-istess *shape*. In-numru pero' ta' din il-vettura llum-il gurnata ma jafux.

Huwa spjega wkoll li l-Ispettur meta’ kien qed jigi nterrogat kien qallu kemm jiftah il-hgieg u huwa wiegbu li kien lest li jaghti l-*finger prints* pero' l-Ispettur ma riedhomx.

**L-Ispettur Anthony Cassar** xehed in kontro-ezami fid-19 ta' Jannar 2015 fejn gie mistoqsi jekk ittiehdux xi passi kriminali fil-konfront ta' haddiehor in konnessjoni ma' dawn is-serqiet u wiegeb illi le ma kienx hemm. Huwa spjega li Amadeo Pace ghamel zmien twil ma setghux isibuh kif jirrizulta mill-Process u ftit wara kellu ncident fatali u baqa' mejjet fuq il-post. L-Ispettur stqarr illi effettivament kien mar joqghod f'residenza ohra u ma setghax jsibu qatt. Mistoqsi jekk huwa nvestigax lil Carmen Grech in konnessjoni ma' dawn is-serqiet qal illi kellimha u fil-fatt sahansitra anke hadilha stqarrija. Huwa jaf li kienet xehdet hawnhekk ukoll. Mistoqsi jekk investigax jekk effettivament kienitx taghti l-karozza taghha lil haddiehor qal li huwa kellimha u kienet qaltlu li taghti l-karozza taghha lill-imputat. Hija qatt ma semmietlu li ssellef il-karozza lil haddiehor.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kummissarju tal-Pulizija pprezentata fl-atti nhar id-19 ta' Frar 2015 u semghet lill-avukat difensur ta' l-imputat jitratta l-kaz verbalment nhar it-3 ta' Marzu 2015 fejn f'din l-istess seduta l-Prosekuzzjoni u d-Difiza talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** - Vol III Kap IV- pg. 234 - Ediz 1890 -

"*Il cosi detto onero della prova cioe il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui asserit.*"

F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ressqet lill-Ufficcjal Prosekutur jispjega dak li kien qallu Amadeo Pace li skond ix-xhieda tal-ispettur setghat kien xhud okulari ta' dak li sehh dakinhar tal-kaz gewwa Bormla pero' ghal xi raguni jew ohra dan ix-xhud ma tressaqx mill-ewwel u spicca miet fil-mori tal-gbir tal-provi tal-kawza u ghalhekk dak li l-ispettur qal li qallu dan ix-xhud ma jistax jitqies bhala prova ghax tikkostitwixxi *detto del detto.*

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-**Artikoli 598 u 599 tal-Kapitolu 12** rezi applikabbli ghall-Kapitolu 9 **bl-Artikolu 645 tal-Kapitolu 9.**

L**-Artikolu 598 (1)** jipprovdi li *"Bhala regola, il-qorti ma tiehux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud jghid li gie jafhom minghand haddiehor jew li qalhom haddieħor li jista' jingieb biex jaghti xiehda fuq dawk il-fatti.*

*(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppozizzjoni tal-parti, ma thallix jew tichad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittiehdu xiehda bhal dawk.*

*(3) Izda l-qorti tista' ggieghel lix-xhud li jsemmi l-persuna li minghandha jkun sar jaf il-fatti li ghalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet*".

L-**Artikolu 599** jipprovdi li *"Il-qorti tista', skont ic-cirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem haddiehor u tiehu qies taghha, meta dan l-istess kliem haddiehor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawza jew ikun jaghmel parti mill-meritu; inkella meta dan haddiehor ma jkunx*

*jista' jingieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistghu jigu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'kazijiet ta' twelid, ta' zwieg, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieh ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' grajjiet storici pubblici, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jghidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti ohra ta' interess generali jew pubbliku jew li jkunu maghrufa minn kulhadd*.'

Illi ghalhekk kien jehtieg lill-ufficjal prosekutur iressaq lil din Pace sabiex jikkonferma dak li kien intqal lilu aktar kmieni.

Il-Prosekuzzjoni ressqet xhieda ohra bhall-ufficcjali tal-pulizija li hadu r-rapporti tas-serq li kien hemm sabiex jikkonfermaw l-okkorrenzi taghhom. Ressqet ukoll lid-derubati sabiex jghidu dwar dak li gie msiruq lilhom pero' hadd mix-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni ma qalet li rat lill-imputat jisraq jew jaghmel xi hsara volontarja jew li sabet ir-*res furtiva* ghandu. Jirrizulta biss u dan mix-xhieda ta' Kevin Cutajar li effettivament semmai l-imputat kien fil-vicinanzi tas-serqa dakinhar isuq il-mini motor tat-tfajla tieghu. Jirrizulta li huwa minnu li l-gharusa li kellu l-imputat u cioe' Carmen Grech kellha vettura LAA 289 tal-ghamla Opel Nova u li din kienet tintuza mill-imputat. Hemm xhud li jghid li ra lill-imputat b'tornavit f'idejh pero' din il-prova wahedha izolata mhix bizzejjed sabiex torbot lill-imputat mas-serqiet mertu tal-kawza. Ma gie pruvat li kien hemm l-ebda *res furtiva* f'idejn l-imputat u ghalhekk l-akkuza ta' ricettazzjoni zgur li ma tistax tirrizulta. Lanqas il-fatt li l-imputat kien qed isuq il-vettura mhi bizzejjed sabiex tinstab htija fil-konfront tieghu li saqha bla polza ta' sigurta jew adirittura li ma kellux licenzja mahruga mill-Kummissajru tal-Pulizija u

ghalhekk in vista ta’ dan in-nuqqas lanqas dawn il-hames u sitt akkuza ma jistghu jirrizultaw provati.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe’ oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Zammit et** u tghid pero’ mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubju ikun dak dettat mir-raguni.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper v The Queen [1952] AC 480, 489:**

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et**, li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Dwar l-akkuzi ta' serq u hsara volontarja l-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal aktar 'il fuq li l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq prova diretta u anke indiretta li torbot lill-imputat mal-akkuzi odjerni. Jinghad li f'dan il-kaz il-Qorti lanqas ma hija konfortata b'xi ammissjoni mill-imputat fl-istqarrija tieghu.

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 6, l-Artikoli 261 (b) (c) u (f), 278(3), 289, 325 u 334 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat ALLAN GRIMA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfont tieghu u tilliberah minnhom.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------